MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

22 ta' Marzu 2023

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Victor Galea – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellhiex ittri t'apoloġiji.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

58.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 58 ġew approvati.

## 58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

58.3.1 ***Alive Cycle Challenge***

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl mingħand l-Alive Cycle Challenge fejn infurmawh li dawn kienu qed jiġbru l-flus għar-riċerka fuq il-kanċer. Hu qara parti mill-ittra fejn ingħad li għalkemm kull somma hi aċċettata huma kienu qed jittamaw li jiġbru €900 mingħand il-Kunsill Lokali. Is-Sur Cordina qal li ma jaqbilx li tingħata din is-somma imma li għallinaqas jingħataw l-ammont tas-sena l-oħra ta' €300 jew €200. Kulħadd qabel li tingħata s-somma ta' €300.

L-Avukat Caruana daħlet f'dan il-mument 5.33pm

58.3.2 ***Project Green***

Is-Sur Cordina qal li kif kien diġà nfurmahom, hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom *Business Breakfast* fejn ingħataw informazzjoni fuq dawn il-proġetti għal valur ta' €10,000,000. Kien hemm biss ġimgħatejn ċans biex jiġu sottomessi proġetti u peress li kien hemm ġa *bill of quantities* lesta ta' Pjazza Tumas Dingli, din ġiet sottomessa biex din il-pjazza tiġi rranġata. Il-Perit Neil Markham lesta l-visuals. Hu wera d-disinn lill-Kunsilliera kollha. L-Avukat Caruana qalet li ċertu siġar jagħmlu ħsara l-pavimentar imma s-Sindku qal li dawn jistgħu jiġu trattati.

Il-Perit Schembri daħal f'dan il-mument 5.37pm

Is-Sur Cordina qal li l-applikazzjonijiet ġew aċċettati.

Hu kompla jgħid li t-tieni proġett sottomess kien dak tal-pavimentar u dwal taċ-Ċentru tal-Informazzjoni fi Ġnien l-Istazzjon. Hu qal li minħabba t-trakkijiet li daħlu kemm il-darba bil-materjal, il-pavimentar iddeterjora u għalhekk ġie propost li jsir xi xogħol neċessarju sabiex il-proġett ikun komplut. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalhekk iddiskutew mal-Periti u nħasset il-ħtieġa li ssir *Variation Request* ta' *new items and existing items* permezz ta' Addendum mal-kuntratt eżistenti sa massimu ta' 50% tal-kuntratt. Il-Kuntratt eżistenti jagħti din il-fakulta' u

peress li hemm bżonn li jsir il-pavimentar u dwal ġdid, *railing* ġdid fejn kien waqa' l-ħajt, xi louvers wara l-binja li sar DNO permit fuqhom u l-AC units.

Is-Sur Cordina qal li meta sar it-tħaffir għal pediment instab li l-ħajt mhux stabbli u għalhekk kellu jinqala' u jsir mill-ġdid. Dan il-ħajt inbena imma iċ-*chicken wire* kellu jinqala' u għalhekk ried isir mill-ġdid.

Is-Sinjura Connie Scerri daħlet f'dan il-mument 5.43pm

Għalhekk, kompliet is-Segretarju Eżekuttiv, addizzjonali mal-kuntatt se jkun hemm ir-*railing* bejn il-binja u r-*retaining wall*, il-*louvers* li permezz tad-DNO saru *louvers* flok il-*bricks*, l-AC's li minflok *concealed* saru outdoor units minħabba li l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender kienu jakkomodaw AC's iżgħar u għalhekk biex ma jisproporzjonawx l-għamara estetikament u jiġi utilizzat l-ispazju bl-aħjar mod ġie deċiż li jsiru fuq barra.

Dan l-Addendum se jiġi mħejji fuq il-BOQ's tal-Periti tal-Kunsill sabiex fi x'ħin il-kunsill jirċievi l-approvazzjoni jkun jista' jiddiskuti mal-kuntrattur eżistenti l-andament tax-xogħlijiet sabiex sakemm isir ix-xogħol fuq ġewwa jibda jitħejja wkoll ix-xogħol fuq barra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħtieġa ta' dan l-addendum inħasset minħabba l-fatt li biex tinħareġ tender ġdid hemm 35 ġurnata, kif ukoll li ż-żmien tal-evalwazzjoni u kien ħa jkun proċess twil u żmien m'hemmx. Kulħadd qabel.

58.3.3 *The Storm Petrel Foundation*

Is-Sur Cordina qal li irċieva korrispondenza mingħand The Storm Petrel Foundation li kellu okkażjoni wkoll jiltaqa' magħhom fit-triq tal-Kitchen Garden. Hu kompla jgħid li huma stiednu lill-Kunsill u l-istaff sabiex jagħmlu tour tal-post u li jekk fil-każ jinfurmaha bil-ġurnata.

58.3.4 Kulleġġ San Nikola

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet email mingħand il-kulleġġ sabiex jinxtraw 2 robots outdoor li jgħinu l-integration ta' outdoor learning and digital literacy. Dan huwa parti mill-proġett tal-etwinning vot li qed isir konġunzjoni mal-iskejjel ta' Ħad-dingli u l-iMtarfa. L-ispiża totali ta' dawn iż-żewġ robots hija ta' €234. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalkemm l-skejjel tal-iMġarr, il-Baħrija, Ħ'Attard u r-Rabat mhumiex parti minn dan il-proġett għalissa, il-quddiem xorta se jsir użu minnu. Hi kompliet tgħid li tħoss li l-fondi għandhom jinqasmu bejn il-kunsilli kollha li jiffurmaw parti minn dan il-kulleġġ. Is-Sur Cordina ippropona li l-Kunsill joħroġ parti minn dawn l-ispejjeż imma l-ewwel isaqsu kunsilli oħra hemm ħa joħorġu minn din l-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li tiġi *capped* se is-somma sa €40. Kulħadd qabel.

58.3.5 *Kuntratt tal-Bulky Refuse*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-varjazzjoni ġiet approvata.

## 58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

58.4.1 Il-Perit Giorgio Schembri

- Irrimarka li l-varjazzjoni tal-Info Centre għandha tkun skont il-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-varjazzjoni għandha tkun skont il-*procurment regulations* jiġifieri 30% new items u 20% on existing items.
- Saqsa fuq il-laqgħa li saret il-ministeru ta' aron bonnici hu jekk kellux xi risposta is-sur Cordina qal li r-risposta ma kellux imma li kien se jerġa' jfakkarhom. Il-Perit Schembri qal li waqt il-laqgħa kien intqal li se jinbeda x-xogħol fi Triq il-Linja u li probabilment jitkompla ukoll ix-xogħol fuq il-bridge u għalhekk ikun tajjeb li jkun hemm, traffic management u *target dates* meta se jispiċċa x-xogħol. Hu qal li hu disponibbli li jattendi laqgħat mas-Sindku.

58.4.2 L-Avukat Silvio Brincat

- Qal li kellmuh bosta nies għax dawn in-nies qed igergru li issa li nqalgħet Triq il-linja mhux se jkollhom minn fejn joħorġu jekk tingħalaq it-triq tal-bridge ukoll. Qal li sfortunatament qabel kienu jinżlu mit-triq tal-iskola biex imorru lejn Ħaż-Żebbuġ imma issa biex imorru Ħaż-Żebbuġ iridu jgħaddu minn kważi taħt l-Imdina. Hu talab li jsiru sinjali addattati sabiex wieħed ikollu direzzjoni minn fejn jgħaddi.
  Il-Perit Schembri qal li għalhekk qed tintalab traffic management plan biex itaffu l-problema sakemm jitlestew ix-xogħlijiet. Sur Cordina qal li ix-xogħol se jsir gradwalment. Qal ukoll li kien irnexxielu iġġib xi fondi ulterjuri li jammontaw għal miljun ewro u li parti minnhom kienu appuntu dawn ix-xogħlijiet li qed isiru bħalissa sa Triq l-Għarix.

58.4.3 Is-Sur John P. Bonnici

- Saqsa fuq il-bus stop faċċata tal-Harley Davidson li tneħħa. Dan se jiġi ċċekkjat.

## 58.5 Rapporti

### Approvazzjoni ta’ Baġit Rivedut

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif jafu minħabba li kien irrapurtat deficit kellu jiġi rivedut il-baġit. Qalet li l-awditjar fuq id-dokumentazzjoni ippreżentata spiċċa. Issues fuq xogħlijiet ta' rutina ma kienx hemm u li kull ma sabu issues kienu ammonti fuq proġetti li skont l-opinjoni tagħhom iridu jiġu ikkapitalizzati. Huma għaddew l-aġġustamenti lis-Segretarju Eżekuttiv li elenkathom u dan irriżulta fi tnaqqis tad-deficit bi kważi €40,000 għal €68,282.98c.

Spjegat fit-tul iċ-ċifri tal-aġġustamenti kollha li ingħaddew lill-Kunsill. Qalet pero’ li fuq nota oħra l-FSI li jinħadem fuq id-differenza bejn il-*Current Assets* u l-*Current Liabilities*, kif propost mill-Kunsill jista' jgħolli l-FSI jew inaqqsu skont kif jaħsbu li għandu jiġi recorded l-awdituri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif jaf kulħadd ċertu proġetti ħadu iktar żmien dak mistenni u għalhekk m'għandhomx jitqiesu bħala current liabilities. Qalet li sal-laqgha tal-Kunsill li jmiss ikollhom l-estimi finanzjarji awditjati aġġornati. Skont il-liġi il-Kunsilli Lokali l-FSI irid jinżamm

fuq 10% u dan il-fattur bejn *short term*, *long term liabilities* u *deferred income* se jxikkel l-FSI tal-Kunsill.

Skont il-Baġit kif preparat dan kieku jitla' 12%.

Kulħadd qabel li jiġi approvat.

L-Avukat Brincat saqsa meta se jidħlu fl-Uffiċċini l-ġodda? Is-Sur Cordina qal li qed jispera li jidħlu sal-aħħar ta' Mejju. L-Avukat Brincat qal li b'hekk se tiġi frankata l-kera. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kera hija kwistjoni lease liabilities li skont l-IFSR 16 għandha tiġi irrekordjata bħala telf sal-aħħar tal-kuntratt. Hi ikkonfermat li l-kuntratt il-ġdid se jkollu 18-il xahar mingħajr kera. Qalet ukoll li il-issue mal-awdituri hu fuq id-*deferred income* għax fil-verità mhux se jagħmel differenza fuq is-*surplus* jew *defiċit* imma fuq l-FSI.

## 58.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

58.6.1 *Trasport Youth Reach*

It-talba għal-ħarġa tas-Seba' Visti ġiet approvata.

58.6.2 *Jum Ħ'Attard – Preparamenti Finali*

Is-Sur Remigio Bartolo qal li din is-sena il-quddiesa se ssir filgħodu u se tiġi mqaddsa mill-Isqof Joseph Galea Curmi. Wara l-quddiesa se jiġi offrut lill-isqof il-kafé fl-Uffiċċju tal-Kunsill filwaqt li fil-pjazza ikun għaddej kunċert mill-Accordion Band.

Is-Sur Bartolo qal li kulħadd għandu kopja tal-programm ta' filgħaxija u li nominazzjonijiet daħlu sitta: Grace Borg, il-Perit Charles Buhagiar, Louis Cassar Baritolu, Robert Farrugia tal-Missio, Paul Haber u Drew Lang. Il-kumitat ġie iċċerjat mis-Sur Stefan Cordina u bħala membri kien hemm Joe Sciiberras, Norbert Gingell, Pierre Cauchi, Ralph Cassar u Carmel Camilleri. Dawn iltaqgħu darbtejn. L-Unur Kunsill Lokali Ħ'Attard se jingħata kif miftiehem lill-armla ta' Joe Debono u kif miftiehem ukoll se jkun hemm kunċert li se jinqasam f'żewġ partijiet taħt id-direzzjoni tal-Maestro Richard Buhagiar, bil-parteċipazzjoni tal-banda La Stella Levantina u l-kantanti Ludvig Galea u Josephine Ebejer Grech. Il-komper se jkun bħas-soltu Keith Demicoli.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lis-Sur Remigio Bartolo tax-xogħol bla waqfien li għamel fuq il-preparamenti ta' Jum Ħ'Attard, ta' kemm imejjls bagħat biex jikkoordina l-andament ta' din is-serata.

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

58.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ilha 15-il sena tuża l-istess *excel spreadsheet* u li kien wasal iż-żmien biex tinbidel is-sistema tal-*payroll*. Għalhekk wara li staqsiet diversi kunsilli iddeċidiet li tinvesti fl-Indigo Shireburn u din l-ispiża ta' €934.56 ġiet miżjuda maċ-ċedola

ta’pagamenti. Parti mill-ispiża hi *training* ta’ darba li sar il-Ġimgħa u t-Tnejn li għaddew. Il-pagament l-ieħor li ġie miżjud kien sa €10 f'riklam tat-tender li ħareġ tal-għamara l-Info Centre.

L-iskeda ġiet approvata bi proponent is-Sinjura Connie Scerri u sekondanta l-Avukat Caruana

## 58.8 Mozzjonijiet; u

58.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 58.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

58.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.23pm u ġiet aġġornata għas-26 ta’ April 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 26 ta’ April 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |